MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 383/2013

**Elektra Limited C 3583**

**vs**

**BoConcept Malta Ltd C 14207**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, hames mija u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u disghin centezmi (€3,522.91) rapprezentanti bilanc dovut fuq prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lilha fuq inkarigu taghha stess, liema oggetti jikkonsistu f'light fittings ordnati esklussivament u appozitament ghas-socjeta' intimate. Il-bilanc imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u sa llum ghadu ma thallasx.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata nhar is-16 ta' Jannar 2014 skond ir-riferta tal-purtier Godfrey Burrows (fol. 5 tergo) u ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat in-nota ta' ammissjoni taghha pprezentata waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2014 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat dak li gie verbalizzat mill-partijiet seduta stante fid-29 ta' Jannar 2014 fejn qablu illi l-kawza ghandha tibqa' bla taxxa.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta stess il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u disghin centezmi (€3,522.91).**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa u l-imghax jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------